**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Joseph Vella**

Kaz Numru: 183/2015

Illum 13 ta' Ottubru 2015

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Joseph Vella,** ta' disgha u hamsin (59) sena, iben Isidoru u Pauline nee' Cini, imwieled Kercem, Ghawdex nhar id-19 ta' Marzu 1956, residenti fil-fond 56, 'April', Triq is-Summien, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 18756(G) billi hu akkuzat talli nhar l-10 ta' Jannar 2015 ghall-habta tal-hdax ta' filghodu (11:00a.m.) fl-akkwati tal-Wardija limiti ta' Kercem, Ghawdex:

1. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur waqt l-istagun maghluq ghat-tehuid tal-ghasafar kif jista' jigi permess skont ir-Regolamenti dwar i-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u dan bi ksur ta' regolament 18 (1) (c) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. Ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' regolament 7 (1) (e) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. Uza jew zamm kwalunkwe apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta' regolament 7 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, u cioe' xbieki, u dan bi ksur ta' regolament 7 (2) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

4. Nasab ghal ghasafar selvaggi b'xi mezz li mhux bis-sahha tad-derogi awtorizzati ghal dak l-iskop skont regolament 9 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u dan bi ksur ta' regolament 8 (1) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet, waqt is-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat regolament 18 (1)(c), regolament 7 (1) (e), subregolament (1) ta' regolament (7), regolament 7 (2), regolament 9, regolament 8 (1) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 Dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Joseph Vella hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta' hames mitt ewro (€500.00).

*In oltre,* Il-Qorti tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti esebiti f'dan il-kaz.

Finalment, il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahrug fil-konfront tal-imputat taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija u dana ghal zmien sentejn (2) mil-lum.

---

**Dr Joseph Mifsud**
**Magistrat**